


**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**11 ta' Ottubru, 2020**


# INVARAW ID-DGĦAJSA

Ix-xahar ta' Ottubru għal din is-sena huwa wieħed importanti iktar mis-soltu. Filwaqt li fl-imgħoddi l-iskola u s-sena pastorali konna nibdewhom fix-xahar ta' Settembru, din is-sena kollox kellu jmur għal dan ix-xahar. Anke l-laqgħat tat-tagħlim Nisrani u l-laqgħat ta' formazzjoni tal-adolexxenti u tal-għarajjes qed nibdewhom prattikament f'nofs ix-xahar ta' Ottubru. Nittamaw u nitolbu lil Alla biex issa li bdejna nkunu nistgħu nkompluhom mingħajr iktar waqfien u mingħajr iktar intoppi.

Xħin taqraw dan il-bullettin, inkunu għamilna xi laqgħat. Ninsistu magħkom biex xħin tiġu l-knisja tieħdu dawk il-prekwazjonijiet sempliċi imma li jiswew. Se jkun hemm sanitizers fil-bibien tal-ġenb ukoll. Imma min ma għandux ħafna problema ta' mobilità nitolbuh biex dejjem jgħaddi mill-bieb il-kbir u joħroġ mill-bibien tal-ġnub. Fil-knisja oqogħdu dejjem 'il bogħod minn xulxin kemm suppost. Meta fil-qudidesa tal-familja takkumpanjaw lit-tfal żommuhom magħkom fi cluster biex hekk il-knisja tkun tesa' aktar nies.

Iċ-ċelebrazzjonijiet u l-mumenti ta' formazzjoni li qed nagħmlu fil-parroċċa jirrekjedu aktar ħidma, attenzjoni. Qisna qed invaraw dgħajsa kbira għas-sajd. Imma jekk kulħadd jagħmel il-parti tiegħu, il-piż jinqasam u nkunu nistgħu noffru xi ħaġa li toqrob iktar lejn in-normalità, f'din is-sitwazzjoni ta' pandemija. L-oqsma tad-duttrina u ċ-ċentri qed jagħmlu minn kollox biex it-tfal jiġu f'lok nadif u bl-inqas periklu possibbli.

Din is-sena ma għamilniex il-purċissjoni bil-Madonna tar-Rużarju. Ejjew xorta waħda niftakru fit-talba tar-rużarju u ngħiduha fid-djar tagħna. Dawk il-ftit minuti bit-televixin mitfi, mitfugħin fuq is-sufan biex nitolbu flimkien, żgur li jġibu barka fuq il-familja kollha.

Il-Papa Franġisku fl-4 tax-xahar tana enċiklika soċjali: *Ilkoll Aħwa*. Tistgħu ssibuha onlajn. Fiha xi 90 paġna. Kull Nisrani għandu jaqraha.

Fl-aħħar nett infakkarkom li nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru huwa Jum il-Missjoni. Ġibu l-offerta l-knisja jew agħtuha liż-żelaturi li se jiġbru l-evelopes bieb bieb.

***L-Arċipriet***

### ROKNA EKOLOĠIKA

Dan l-aħħar fit-*Times of Malta* kien hemm artiklu dwar koppja żagħżugħa li għażlu l-biedja bħala l-professjoni tagħhom. Dan huwa att kuraġġjuż ħafna. Fid-dinja hawn trend qed tikber, ta' nies li qed jagħmlu attivitajiet li jorbtuhom man-natura. Hemm min jipproduċi ftit ikel għall-konsum persunali, hemm proġetti żgħar ta' reforestation. Ħafna ntebħu li bil-pandemija li għaddejjin minnha sirna iktar konxji tal-għana tal-għasafar u tal-ġmiel tal-kampanja.

### AVVIŻI OĦRAJN

**XIRI TA' OQBRA:** kull min jixtri qabar sat-30 ta' Marzu, 2021, jibbenefika mir-riduzzjoni tat-taxxa tal-bolla. Minflok tħallsu €300, tħallsu €90 biss. Għal aktar tagħrif, kellmu lin-nutar/a tagħkom jew ejjew fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**DONAZZJONI:** nirringrazzjaw lis-saċerdot mill-parroċċa li għamel donazzjoni tal-kurċifiss fuq l-artal maġġur. Dan se jintuża flok ieħor li kellna u li naqas mill-knisja xi xahrejn ilu.

### SENA ĊENTINARJA - 2

Fil-parroċċa tagħna l-laqgħat tal-Leġjun ta' Marija bdew fil-bidu tas-snin 60. Kienu tat-tfal, tal-irġiel u tan-nisa, u fost dawk li taw sehem kbir kien hemm Mons. Rużarju Borg u l-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard.

### IL-MEMBRI TAL-MUŻEW BNIET JAVŻAW LI:

1. Id-duttrina ser tibda nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru u mhux fit-12 ta' Ottubru kif kien avżat qabel;
2. It-tfal huma mitluba li jilbsu l-maskra l-ħin kollu xħin ikunu fil-qasam;
3. Navżaw lill-ġenituri sabiex ma jibagħtux lit-tfal kmieni imma fil-ħin;
4. Trasport mhux ser ikun provdut minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am